



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 185/21
il-Lussemburgo, 8 ta' Ottubru 2021

Stampa u Informazzjoni

Maciej Szpunar elett Avukat Ĝeneralni Ewljeni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Wara t-tibdil parpjali tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, Maciej Szpunar ġie elett, mill-Avukati Ĝeneralni I-oħra, Avukat Ĝeneralni Ewljeni tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mit-8 ta' Ottubru 2021 sas-6 ta' Ottubru 2024.

Curriculum vitae ta' Maciej Szpunar

Imwiedel fl-1971 fi Krakow (il-Polonja), Maciej Szpunar kiseb lawrea fid-dritt fl-Universytet Śląski (l-Università ta' Silesja, il-Polonja) fl-1995 u fil-College d'Europe de Bruges (il-Kulleġġ tal-Ewropa ta' Bruges, il-Belġju) fl-1996. Huwa sostna t-teżi tad-dottorat tiegħu fid-dritt fl-2000, sar dutt fix-xjenzi ġuridiċi fl-2009, imbagħad professur tad-dritt fl-2013 fi ħdan l-Universytet Śląski. Fl-1998, ix-xogħlil universitarji tiegħu wasslu fil-Jesus College ta' Cambridge (ir-Renju Unit) bħala "Visiting Scholar", wara fl-université de Liège (l-Università ta' Liège, il-Belġju) fl-1999 u fl-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze (l-Italja) fl-2003.

Fl-2001, huwa daħal fl-avukatura ta' Katowice biex jibda l-professjoni ta' avukat, li eżerċita sal-2008. Huwa f'dan iż-żmien li kien parti mill-Kumitat tad-Dritt Internazzjonali Privat tal-Kummissjoni ta' Kodifikazzjoni tad-Dritt Ċivili fil-Ministeru għall-Ġustizzja Pollakka.

Huwa assuma l-funzjonijiet ta' sottosegretarju tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Kumitat tal-Integrazzjoni Ewropea (il-Polonja) mill-2008 sal-2009, qabel ma ngħaqqu mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Pollakk bejn l-2010 u l-2013. Matul dawn it-tlet snin, huwa rrappreżenta, bħala aġent, il-Gvern Pollakk f'numru kbir ta' kawżi li nstemgħu quddiem il-qratil tal-Unjoni Ewropea.

Huwa baqa' marbut mal-qasam tar-riċerka universitarja, u b'hekk kien parti mill-kunsill editorjali ta' diversi rivisti ġuridiċi, ħaġa li wasslitu fl-istess ħin jikteb diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-dritt Ewropew u tad-dritt internazzjonali privat.

Maciej Szpunar ġie nnominat Avukat Ĝeneralni fil-Qorti tal-Ġustizzja fit 23 ta' Ottubru 2013 u jeżerċita mill 11 ta' Ottubru 2018 l-funzjonijiet ta' Avukat Ĝeneralni Ewljeni.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

¹ Ara l-Istqarrija għall-İstampa [Nru 181/21](#) tas-7 ta' Ottubru 2021.